2024/2407

16.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2407

tat-13 ta' Settembru 2024

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2024 minħabba s-sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2023 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/2090 ([2]), (UE) 2023/194 ([3]) u (UE) 2023/195 ([4]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2024 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2023/194, (UE) 2023/2638 ([5]), (UE) 2024/257 ([6]) u (UE) 2024/259 ([7]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tapplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dan it-tnaqqis għandu jiġi applikat fis-sena jew fis-snin ta' wara billi jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni rispettivi stabbiliti f'dawn l-Artikoli.

(5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd tagħhom għas-sena 2023. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi applikat tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2024 u, fejn rilevanti, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2090/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/194/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/195/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2638 tal-20 ta' Novembru 2023 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L, 2023/2638, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2638/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj).

(6) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1661 ([8]) u (UE) 2023/2480 ([9]) stabbilew tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għal ċerti Stati Membri u għal ċerti speċijiet għall-2023. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri, it-tnaqqis li kellu jiġi applikat għal ċerti speċijiet kien ikbar mill-kwoti rispettivi disponibbli fl-2023, u għalhekk ma setax jiġi applikat bis-sħiħ dik is-sena. Skont il-punt 2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([10]) ("il-Linji Gwida") u biex jiġi żgurat li f'każijiet bħal dawn jitnaqqas l-ammont sħiħ għall-istokkijiet rispettivi, jenħtieġ li jitqiesu l-kwantitajiet li jifdal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis għall-2024 u, fejn xieraq, mill-kwoti sussegwenti.

(7) Il-Punt 1 tal-Linji Gwida jiddikjara li, fejn applikabbli, l-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis f'każ li tinqabeż waħda mill-kwoti għall-istokkijiet ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandha tiġi adattata għall-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis ta' dawn l-istokkijiet stipulata fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ikkonċernati. Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tuna) dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali ([11]) kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku ([12]) jistabbilixxu li kwalunkwe qbiż tal-kwota annwali aġġustata fis-sena 2022 irid jitnaqqas mill-kwota rispettiva jew mil-limitu tal-qbid rispettiv għall-2024. Abbażi ta' dan, it-tnaqqis — inkluż dak li jirriżulta minn fatturi ta' multiplikazzjoni applikabbli — minħabba s-sajd eċċessiv stabbilit fl-2022 għall-istokk tat-tonn obeż fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT) u l-istokk tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N), it-tnejn ġestiti mill-ICCAT, jenħtieġ li jiġi applikat fl-2024. Konsegwentement, it-tnaqqis stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661 minħabba s-sajd eċċessiv fl-2022, mill-Portugall, tal-kwoti tiegħu għal BET/ATLANT u SWO/AN05N jenħtieġ li jiġi applikat fuq il-kwoti rispettivi tiegħu għall-2024. Id-dispożizzjoni stabbilita bir-Rakkomandazzjoni 22-03 hija applikabbli wkoll għall-qbiż tal-limiti tal-qbid annwali għal SWO/AN05N fl-2023 li għandu jitnaqqas mil-limiti tal-qbid annwali għall-2025.

(8) Bl-istess mod, ir-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT li tistabbilixxi programm ta' restawr għall-marlin blu ([13]) tipprevedi li kwalunkwe qbiż tal-limiti annwali tal-ħatt l-art stabbiliti għas-sena 2023 għandu jitnaqqas mil-limiti tal-ħatt l-art matul l-2025. Għalhekk, it-tnaqqis minħabba s-sajd eċċessiv fl-2023 għall-istokk tal-marlin blu fl-Oċean Atlantiku (BUM/ATLANT) jenħtieġ li jiġi applikat biss fl-2025.

(9) Abbażi tad-data trażmessa minn Franza, jidher li nqabżet il-kwota kondiviża tal-2023 li tammonta għal 129,840 tunnellata u allokata għal "Stati Membri oħra" — fosthom Franza — esklużivament għall-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N_AMS) kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/194. Meta jitqies li Franza rrappurtat qabdiet li jammontaw għal 161,053 tunnellata fl-ambitu ta' din il-kwota ta' "Stati Membri oħra", fuq il-kwota Franċiża jenħtieġ li jiġi applikat tnaqqis minħabba dan is-sajd eċċessiv. Dan it-tnaqqis jenħtieġ li jiġi applikat biss fl-2025 f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1661 tal-24 ta' Awwissu 2023 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2023 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L 210, 25.8.2023, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1661/oj).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2480 tal-10 ta' Novembru 2023 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2023 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħra fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1661 (ĠU L, 2023/2480, 13.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2480/oj).

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 (2022/C 369/03) (ĠU C 369, 27.9.2022, p. 3).

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 19-02 li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 16-01 dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali. https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2022-01-e.pdf

([12]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni supplimentari 21-02 li testendi u temenda r-Rakkomandazzjoni 17-02 għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku. https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2022-03-e.pdf

([13]) Ir-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT biex jiġu stabbiliti programmi ta' restawr għall-marlin blu u għall-marlin abjad/il-pastardella imperjali (https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2019-05-e.pdf).

(10) Xorta jistgħu jsiru aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzju attwali jew preċedenti ta' tnaqqis, ta' erruri, ommissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(11) Peress li l-kwoti jiġu espressi f'tunnellati, jenħtieġ li s-sajd eċċessiv ta' kwantitajiet inqas minn tunnellata ma jitqiesx,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għas-sena 2024 fir-Regolamenti (UE) 2023/194, (UE) 2023/2638, (UE) 2024/257 u (UE) 2024/259 għandhom jitnaqqsu kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2024 GĦALL-ISTOKKIJIET LI ĠEW MISTADA B'MOD EĊĊESSIV

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali għall-2023 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2023 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2023 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota relatat mal-ħatt l-art permess	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis applikabbli fl-2024 (kwantità f'tunnellati)
DE	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	89,000	89,000	90,320	101,48 %	1,320	/	/	19,997	21,317
DK	HAD	*03 A-C	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (kundizzjoni speċjali għal HAD/2AC4.)	249,500	271,800	325,598	119,79 %	53,798	1,00	C	/	80,697
DK	HAD	03 A.	Merluzz tal-linja sewda	3a	2 892,000	2 682,402	2 732,065	101,85 %	49,663	/	C (6)	/	49,663
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	4,288	Mhux applikabbli	4,288	1,00	/	/	4,288
DK	WHB	1X14	Stokkafixx	L-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14	61 646,000	77 238,647	82 097,607	106,29 %	4 858,960	/	/	/	4 858,960
ES	ALB	MED	Alonga tal-Mediterran	Il-Baħar Mediterran	103,030	133,030	135,312	101,72 %	2,282	/	/	/	2,282
ES	BUM	ATLANT	Marlin blu	L-Oċean Atlantiku	22,770	49,770	55,108	110,72 %	5,338 (7)	1,00	/	/	Mhux applikabbli (7)
ES	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	2 321,000	2 562,590	2 562,586	100,00 %	–0,004 (8)	/	/	60,063	60,063
ES	GHL	N3LMNO	Ħalibatt ta' Greenland	3LMNO tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO, Northwest Atlantic Fisheries Organisation)	4 162,000	4 607,124	4 666,576	101,29 %	59,452	/	/	/	59,452

ES	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	/	2,636	86,058	3 264,72 %	83,422	1,00	A	/	125,133
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	78,129	Mhux applikabbli	78,129	1,00	A	/	117,194
ES	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	14,306	Mhux applikabbli	14,306	1,00	/	/	14,306
ES	RJU	8-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 8	10,000	10,000	12,138	121,38 %	2,138	1,00	/	/	2,138
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	20,000	24,008	120,04 %	4,008	1,00	/	1,348	5,356
ES	SOL	7HJK.	Lingwata komuni	Iż-żoni 7h, 7j u 7k	/	2,500	15,458	618,32 %	12,958	1,00	C	/	19,437
ES	SOL	8AB.	Lingwata komuni	Iż-żoni 8a u 8b	6,000	7,000	19,988	285,54 %	12,988	1,00	C	/	19,482
FR	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	/	16,600	20,889	125,84 %	4,289	1,00	/	/	4,289
FR	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	150,000	171,060	179,080	104,69 %	8,020	/	/	/	8,020
FR	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	36,000	36,000	44,547	123,74 %	8,547	1,00	/	/	8,547
FR	RJE	7FG.	Raja għewejna	Iż-żoni 7f u 7 g	24,000	10,701	23,296	217,70 %	12,595	1,00	/	/	12,595
FR	SWO	AN05N_A-MS	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	129,840 (9)	129,840 (9)	161,053	124,03 %	31,213 (7)	1,00	/	/	Mhux applikabbli (7)
IT	ARA	GF19-21	Gamblu blu u aħmar	Is-subżoni ġeografiċi 19-20-21 (il-Baħar Jonju)	250,000	250,000	259,823	103,93 %	9,823	/	/	/	9,823
NL	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norve-ġiżi taż-żoni 1 u 2	/	21,593	34,653	160,48 %	13,060	1,00	/	/	13,060

PL	MAC	2A34-N	Kavall	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit taż-żona 4; l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a	/	/	254,490	Mhux applikabbli	254,490	2,00	A	/	636,275
PT	BET	ATLANT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	184,048	184,048
PT	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	64,738	Mhux applikabbli	64,738	1,00	/	/	64,738
PT	JAX	08C.	Sawrell	8c	188,000	100,000	101,605	101,60 %	1,605	/	/	/	1,605
PT	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	18,012	Mhux applikabbli	18,012	1,00	/	/	18,012
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	50,792	50,792
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	1 155,830	1 930,090	1 966,680	101,90 %	36,590 ([7])	/	/	/	Mhux applikabbli ([7])
PT	SRX	89-C.	Rebekkini u raj	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 8 u 9	1 696,000	1 551,000	1 573,265	101,44 %	22,265	/	/	/	22,265

([1]) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2022 għall-2023 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj) u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([2]) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Għandu japplika tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 fil-każijiet kollha tas-sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

([3]) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dment li s-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

([4]) L-ittra "A" tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba s-sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2021, fl-2022 u fl-2023. L-ittra 'C' turi li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 għaliex l-istokk huwa soġġett għal pjan pluriennali.

([5]) Il-kwantitajiet li jifdal mis-sena/snin ta' qabel.

([6]) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni mhuwiex applikabbli peress li s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 %.

([7]) Għandu jitnaqqas fl-2025 f'konformità mar-Rakkomandazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas).

([8]) Peress li l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 mhuwiex applikabbli għal dan l-istokk, din il-kwantità mhux użata ma tistax tintuża biex jitbaxxa t-tnaqqis previst fl-2024.

([9]) Kwota tal-qabdiet aċċessorji disponibbli għal "Stati Membri oħra" fosthom Franza.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2407/oj